MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Numru 516/2003

**Artikoli 41, 108, 110 (2), 188, 295, 308, 309 u 533**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Ramon Mercieca**

v

**JESMOND COLEIRO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat JESMOND COLEIRO bin Carmelo u Filippa nee Delmar, imwieled Pieta` fil-11 ta' Gunju, 1972 u joqghod No. 93B, Sqaq it-Teatru l-Antik, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita` numru 260872M gie imressaq quddiemha akkuzat talli bejn l-ghoxrin u l-wiehed u ghoxrin ta' Mejju, 2003 f'dawn il-gzejjer:

1. Biex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, cioe` "Fenici Insurance", xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz u dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanza, halef falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti dan il-gurmanet u dan bi ksur tal-artikolu 108 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanza iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur tal-artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta` kontra ir-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred l'hawn u l'hinn jew gharraq b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu u dan bi ksur tal-arikolu 295 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u cioe` talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ipprova jaghmel qliegh ta' tmien mitt lira Maltin ghad-dannu ta' "Fenici Insurance" u dan bi ksur tal-artikoli 40, 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-Ligi, f'kaz ta' htija, tapplika ukoll l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta' Gunju, 2003 esebit fl-atti u mmarkat dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-

Artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar is-sitta ta’ Ottubru, 2003.

Semghet lill-imputat jiddikjara li m’ghandux bzonn l-assistenza ta’ avukat difensur u xtaq illi l-kawza titkompla.

Semghet lill-imputat jiddikjara li m’ghandux oggezzjoni li din il-Qorti kif preseduta tkompli bis-smiegh tax-xhieda ta’ din il-kawza nonostante li l-Magistrat sedenti kienet ikkonkludiet l-inkjesta relattiva ghal din il-kawza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar is-sitta ta’ Ottubru, 2003.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sitta ta’ Ottubru, 2003.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti  qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni tal-imputat sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni mizmuma mill-Pulizija tant li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-kaz gie solvut minnha minhabba l-koperazzjoni u ammissjoni tieghu.

Rat ukoll illi s-socjeta` ma soffriet l-ebda danni materjali u kien l-imputat biss li sofra d-danni materjali konsistenti fid-distruzzjoni tal-vettura tieghu.

Rat illi kif iddikjarat l-Prosekuzzjoni stess l-imputat irtira minnufih ir-rapport falz li hu kien ippresenta ghand is-socjeta` assikuratrici u ghalhekk it-talba tieghu ma lahqetx giet iprocessata.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ghamel progress f'hajjtu minn mindu ikkommetta r-reati in kwistjoni tant illi waqqaf il-vizzju tal-loghob li kellu u irrikoncilja fiz-zwieg tieghu.

Rat il-fedina penali tieghu fejn ghandu tlett convictions registrati ilkoll jikkoncernaw reati u kontravenzjonijiet konessi mal-ordinanza tat-traffiku.

**Illi minhabba l-premess il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti tapplika provvedimenti tal-artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 188, 108, 110 (2), 295, 41, 308 u 309 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat JESMOND COLEIRO hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, qed tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghall-erbgha snin.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li huwa jonqos li josservha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------